# Żewġ Kwadri ta' Santa Marija fis-Sagristija tal-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi

*Tagħrif miġbur minn Mario Fenech*

Il-Parroċċa tal-Qrendi kienet ġiet imwaqqfa mill-Isqof Cagliares nhar il-15 ta' Frar, 1618 jiġifieri 400 sena ilu, bl-ewwel Kappillan ikun Dun Salv Burlò.

Dak iż-żmien fir-raħal kien hemm aktar minn knisja waħda mwaqqfa. Kien hemm fost l-oħrajn il-Knisja ta' San Mattew magħrufa bħala tal-Maqluba, il-Knisja ta' Sant'Anna, il-Knisja ta' Santa Katerina u l-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena. Il-Knisja li ġiet magħżula sabiex isservi bħala s-Sede Parrokkjali kienet dik iddedikata lil Santa Marija. Dan għaliex kienet fil-qalba tar-raħal u kienet xi ftit akbar mill-oħrajn.



Fi żmien it-tieni Kappillan Dun Ġwann Marija Camilleri, ġiet mibnija l-knisja li hemm illum fl-istess post fejn kien hemm l-oħra ta' qabel. Tlestiet fis-sena 1665.

Dan il-fatt li l-Knisja ġiet mibnija mill-ġdid jista' jkun ir-raġuni għaliex fis-sagristija tal-knisja hemm żewġ kwadri li kienu jintużaw qabel. L-ewwel wieħed li jmur sew lura fis-snin huwa dak li ma nafux minn hu l-artist li għamlu. Dan huwa kwadru xi ftit fqir mill-valur artistiku, iżda huwa wieħed storiku fl-istess waqt. Fih tiddomina l-figura tal-Assunta mdawwra bi sħab ta' kulur dehbi b'erba' anġli qegħdin jirgħu lill-Madonna 'l fuq lejn is-sema. Numru t'anġli żgħar oħrajn jidhru fil-parti ta' fuq tat-tila fejn hemm stillarju ħiereġ minn madwar ras l-Assunta. Dawra sħab abjad timla t-truf ta' din ix-xena. Għalkemm ma għandna xejn li jindika fejn kien dan il-kwadru, jista' jkun li dan kien fl-ewwel knisja li kienet ġiet imwaqqfa bħala Parroċċa.



It-tieni kwadru huwa xogħol tal-artist Rokku Buħagiar u kien tħallas minn ċertu Mikiel Camilleri. Dan kien għamel żmien bħala l-kwadru titulari ta' din il-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi. Fih il-figura tal-Assunta hija waħda sabiħa u timla sew il-parti ta' fuq tat-tila. Madwar il-Madonna numru t'anġli qegħdin iwasslu bil-Glorja kollha tagħhom lil Omm Alla minn fuq din l-art lejn is-sema.



Fil-parti t'sfel qabar miftuħ bl-liżar abjad ħiereġ minnu, filwaqt li l-Appostli qegħdin jaraw din il-ġrajja mhux tas-soltu jseħħ quddiemhom.

Fuq quddiem fil-parti t'isfel San Pietru għarkupptejh iħares 'il fuq bl-imfietaħ tiegħu fuq l-ewwel tarġa tal-qabar. In-naħa l-oħra San Ġwann iż-żgħir li wkoll narawh għarkupptejh fl-art b'idejh ma' xulxin qiegħed iqim lil Marija Assunta.

Jidher li l-artist Rokku Buhagiar ma xtaqx li tintilef wisq l-attenzjoni minn fuq il-figura tal-Assunta f'dan il-kwadru. Dan narawh mill-fatt li l-Appostli l-oħrajn ma għamilx wisq xogħol fuqhom u tidher biss rashom.

Il-Knisja Parrokkjali tal-Qrendi għażlet lill-artist magħruf Guiseppe Cali biex jagħmel il-kwadru titulari li hemm illum fuq l-artal tal-kor.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULHADD.